

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Marzu 2020 – Aurora vs CPVO – SESVanderhave (M 02205)(Kawża T-278/19)⁽¹⁾

(Rikors għal annullament – Drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Varjetà ta' pitrava ġelwa M 02205 – Deċiżjoni ta' riferiment għad-dipartiment kompetenti taċ-CPVO għal azzjoni sussegwenti – Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 – Assenza ta' interess ġuridiku – Setgħa ta' bidla – Rikors parżjalment inammissibbli u parżjalment manifestament infondat fid-dritt)

(2020/C 222/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aurora Srl (Padova, l-Italja) (rappreżentant: L.-B. Buchman, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (rappreżentanti: M. Ekvdad, F. Mattina, M. Garcia Monco-Fuente u A. Weitz, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell taċ-CPVO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: SESVanderhave NV (Tienen, il-Belġu) (rappreżentant: P. de Jong, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell taċ-CPVO tas-27 ta' Frar 2019 (Każ A 10/2013-RENV) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Aurora u SESVanderhave.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aurora Srl, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) u SESVanderhave NV għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 213, 24.6.2019.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Mejju 2020 – Lucaccioni vs Il-Kummissjoni(Kawża T-308/19)⁽¹⁾

(Rikors għal annullament u għad-danni – Servizz pubbliku – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Att preparatorju – Assenza ta' lment – Rikors parżjalment manifestament inammissibbli u parżjalment inammissibbli)

(2020/C 222/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Arnaldo Lucaccioni (San Benedetto del Tronto, l-Italja) (rappreżentant: E. Bonanni, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u L. Vernier, aġġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħħa, għall-annullament tal-att tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2019 dwar il-mandat ta' kummissjoni medika ġidha fil-kuntest ta' rikonoxximent tal-aggravament ta' marda professjonali magħmula mir-rikorrent u, min-naħħa l-oħra, għall-kumpens tad-danni li r-riktorrent allegatament sostna.

Dispożittiv

- 1) Ir-riktors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment inammissibbli.
- 2) Arnaldo Lucaccioni huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 230, 8.7.2019

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2020 – HB vs EIB

(Kawża T-757/19)

(2020/C 222/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: HB (rappreżentant: C. Bernard-Glaz, avukat)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

Talbiet

Ir-riktorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2019, li tiċħad l-ilment tar-riktorrenti dwar fastidju psikoloġiku;
- tordna lill-konvenut iħallas ammont ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-danni morali, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data tas-sentenza;
- tordna lill-konvenut iħallas ammont ta' EUR 50 000 bħala kumpens għat-telf ta' opportunità, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data tas-sentenza sal-ħlas komplet;
- tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega ksur tad-dritt li l-kwistjonijiet ta' persuna jiġu pproċessati b'mod imparzjali, ġust u b'attenzjoni, u nuqqas ta' motivazzjoni, sa fejn (i) il-bord li investiga l-allegazzjonijiet ta' fastidju u ta' intimidizzazzjoni tagħha (a) naqas milli jitrattha l-każ b'mod imparzjali, ġust u b'attenzjoni, billi wera jew ta' l-impressjoni ta' parzjalitā lejn il-persuni li allegatament taw fastidju u billi interpreta ħażin jew injora fatti u provi, u (b) naqas milli jagħti raġunijiet, u (ii) meta approva r-rapport tal-Bord, il-President tal-BEI ivvizza d-deċiżjoni kkontestata bl-istess difetti.